

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-22 ta' Frar 2018 (Każ R1432/2017-2) hija annullata.*
- 2) *L-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż ta' Julius-K9 Zrt.*
- 3) *El Corte Inglés, SA għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.*

(¹) ĠU C ##, ##.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Marzu 2019 — SKS Import Export vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-239/18) (¹)**

(“Rikors għal annullament — Moviment liberu tal-kapital — Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) — Direttiva (UE) 2015/849 — Regolament Delegat (UE) 2018/212 — Inklużjoni tat-Tuneżija fil-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir — Nuqqas ta' inċidenza diretta — Inammissibbiltà”)

(2019/C 164/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Société Kammama Saber (SKS) Import Export (Sousse Jawhara, it-Tuneżija) (rappreżentant: H. Chelly, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, A. Bouquet u T. Scharf, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/212 tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward taż-żieda tas-Sri Lanka, Trinidad u Tobago u t-Tuneżija fit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU 2018, L 41, p. 4).

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- 2) *Il-kumpannija Kammana Saber (SKS) Import Export hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 231, 2.7.2018.